MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Numru 589/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur C Ellul)**

**vs**

**Matthew Sant**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Matthew Sant ta’ 31 sena bin Anthony u Maria nee’ Psaila mwielda Pieta u joqghod 50, Triq Ghajn Dwieli, Paola, ta’ karta ta’ identita numru 486070 (M).

Akkuzat:

1. ghal habta ta’ 12.15 pm fid-Dipartiment tal-Emergenza ta’ l-Isptar San Luqa, ingurja u hedded jew

ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Matthew Mangion, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li jinfliwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Matthew Mangion, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti – dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, lok u hin hebb kontra Matthew Mangion sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara lilu jew lil haddiehor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali – dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. ghamel lil Matthew Mangion ingurji jew theddid mhux imsemmija fil-Kodici Kriminal jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni – dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat taht il-Kap 9 ta’ ingurji jew theddid ezercitati fuq ufficjal pubbliku (Artikolu 95), attakk jew resistenza fuq ufficjal pubbliku (Artikolu 96), u bl-offizi kontravenzjonali ta’ hebb (Artikolu 339e) u b’ingurji u theddid mhux provduti band’ohra fil-Kodici (Artikolu 339d).

Mill-provi jirrizulta li l-incident li ta' lok ghall-akkuzi kontra l-imputat sehh fid-29 ta' April, 2002 fid-Dipartiment tal-Emergenza, l-Isptar San Luqa. F'dan l-incident hu allegat li l-imputat hedded lil Matthew Mangion, 'deputy nursing officer', u allura persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u dan waqt li l-imputat kien ha l-isptar lill-ommu. F'hin minnhom huwa gie mitlub sabiex jistenna fil-'waiting room' mill-istess Mangion u hawnhekk jidher li l-imputat irrejagixxa u ndirizza lill-imsemmi Mangion bil-kliem'tkun taf min jien meta nsibek barra'. L-imputat ma offra ebda versjoni ohra la bix-xhieda tieghu u lanqas permezz ta' xhieda ohra b'daqstant li x-xhieda prodott mill-presekuzzjoni baqghet mhux kontestata.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, li jinsabu ben pruvati, l-kliem fuq riprodotti jikkonstitwixxu t-theddida anke jekk kienu tal-mument u nghadu f'cirkostanzi ta' tensjoni ghall-imputat. Ghalhekk jissusisti r-reat taht l-Artikolu 95 izda ma jikkonfigurax reat iehor, lanqas, fil-fehma tal-Qorti, l-offizi kontravenzjonali billi f'kull kaz japplika l-assorbiment tar-reati. Taht l-Artikolu 95 pero' l-imputat ghandu jinsab hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------